



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)

9784/22

JAI 791
COPEN 223
JUSTCIV 82
COJUR 19
IPCR 61
RELEX 725

NOTA

minn: Il-Presidenza

lil: Kunsill

Nru. dok. preċ.: 9375/22

Suġġett: Ir-risponsi għadizzjarji għas-sitwazzjoni fl-Ukrajna
- Dokument ta' diskussjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) tad-9 ta' Ġunju 2022.

*Dokument ta' diskussjoni***Ir-risponsi ġudizzjarji għas-sitwazzjoni fl-Ukrajna**

Sa mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, l-Unjoni Ewropea għet mobilizzata bis-sħiħ biex tiżgura rispons proporzjonat man-natura serja ta' dawn iċ-ċirkostanzi.

Fl-24 ta' Frar 2022, il-Kunsill Ewropew ikkundanna din l-aggressjoni bl-aktar mod qawwi u appella għal risponsi rapidi u konkreti¹. Diversi ġabriet ta' miżuri restrittivi settorjali u individwali, immirati partikolarment lejn l-iffriżar tal-assi ta' ċittadini Russi u Belarussi, ġew għalhekk adottati abbażi tal-Artikoli 29 TUE u 215 TFUE.

Fil-qasam tal-ġustizzja, il-ġlieda kontra l-impunità dehret bħala sfida kbira, partikolarment fil-kuntest ta' allegazzjonijiet rikorrenti ta' delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità fit-territorju Ukren. Fil-Kunsill ĠAI tal-4 ta' Marzu 2022, il-Ministri għall-Ġustizzja esprimew it-tħassib u s-solidarjetà tagħhom mal-poplu Ukren u qablu²:

- li fid-dawl tas-serjetà tal-azzjonijiet tar-Russja, kien ġustifikat li ma jiġux trattati t-talbiet ta' kooperazzjoni f'materji kriminali indirizzati mir-Russja u mill-Belarussja, mingħajr preġudizzju għal valutazzjoni każ b'każ;
- dwar l-importanza tat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-impunità għal delitti possibbli tal-gwerra u delitti kontra l-umanità mwettqa f'dan il-kuntest, billi tiġi appoġġata l-investigazzjoni miftuħa mill-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI), u tiġi enfasizzata l-importanza tar-rwol ta' koordinazzjoni tal-Eurojust; u
- dwar il-ħtieġa li tiġi żgurata l-effettività tal-miżuri restrittivi meħuda kontra persuni fiżiċi u ġuridiċi Russi u Belarussi.

¹ [Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 ta' Frar 2022.](#)

² [Stqarrija għall-istampa tal-Kunsill ĠAI tal-4 ta' Marzu 2022.](#)

Bi tweġiba għall-ħtieġa espressa regolarment għal dak il-għan, inkluż fil-laqgħa tal-CATS tal-5 ta' Mejju 2022, il-Presidenza Franċiża tal-Kunsill, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, fittxet li tikkoordina l-azzjoni tal-Istati Membri bl-aktar mod effettiv possibbli, partikolarment billi tiżgura skambju bla xkiel ta' informazzjoni dwar aspetti ġudizzjarji marbuta mas-sitwazzjoni fl-Ukrajna³ u arranġamenti għal appoġġ finanzjarju u operazzjonali għall-QKI. Twettqet ukoll ħidma importanti biex jiġi kkoordinat l-appoġġ operazzjonali għall-awtoritajiet ġudizzjarji Ukreni, inkluż billi jintbagħtu esperti lejn l-Ukrajna fil-qasam tal-investigazzjonijiet mibdija taħt l-awtorità tal-awtoritajiet ġudizzjarji Ukreni u l-investigazzjoni mibdija mill-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali.

Barra minn hekk, ittieħdu diversi azzjonijiet, kemm mill-awtoritajiet ġudizzjarji fil-livell nazzjonali, kif ukoll mill-Kunsill u l-Kummissjoni fil-livell Ewropew⁴:

- F'diversi Stati Membri, inbdew investigazzjonijiet kriminali dwar l-allegati delitti abbażi ta' ġuriżdizzjoni universali jew ġuriżdizzjoni personali. Fil-25 ta' Marzu 2022, ġiet stabbilita skwadra ta' investigazzjoni konġunta bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji Pollakki, Litwani u Ukreni, taħt il-patroċinju tal-Eurojust. Hija għandha l-għan li tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u l-evidenza u li tappoġġa l-investigazzjonijiet kriminali f'delitti internazzjonali li jkunu twettqu fl-Ukrajna. Fil-25 ta' April 2022, l-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-QKI ħabbar il-parteċipazzjoni tiegħu f'din l-iskwadra ta' investigazzjoni konġunta. Fit-30 ta' Mejju 2022, l-awtoritajiet ġudizzjarji Estonjani, Latviani u Slovakkijani ħabbru l-parteċipazzjoni tagħhom f'din l-iskwadra ta' investigazzjoni konġunta.
- Barra minn hekk, il-Kunsill emenda l-mandat tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-UE għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine). Skont il-mandat emendat, EUAM Ukraine ser tippovdi wkoll appoġġ lill-awtoritajiet Ukreni biex tiffaċilita l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet ta' kwalunkwe delitt internazzjonali mwettaq fil-kuntest tal-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna.

³ It-tabelli WK 5667/22 u WK 5728/22, aġġornati regolarment.

⁴ It-tabella WK 5731/22 tippovdi ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet fil-livell tal-Unjoni.

- Ir-rwol tal-Eurojust bħala korp ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri huwa kruċjali f'dan il-kuntest, speċjalment peress li l-Eurojust tospita fi ħdanha u tipprovdi s-segretarjat tan-Network għall-Ġenoċidju u stabbiliet rabtiet mill-qrib mal-Ukrajna permezz tal-preżenza ta' Prosekutur ta' Kollegament Ukren. F'dan il-kuntest, tqies essenzjali li l-Eurojust tkun tista' tissodisfa bis-sħiħ dan ir-rwol importanti ta' koordinazzjoni permezz tal-preservazzjoni u l-analiżi tal-evidenza biex tappoġġa d-diversi investigazzjonijiet mibdija. Għaldaqstant, fil-25 ta' April 2022, il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament 2018/1727 fir-rigward tal-ġbir, il-preservazzjoni u l-analiżi ta' evidenza relatata mal-investigazzjonijiet ta' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra mill-Eurojust. Fid-dawl tal-isfida u f'konsultazzjoni sħiħa mal-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż il-Parlament Ewropew, il-Presidenza organizzat id-diskussjonijiet malajr kemm jista' jkun sabiex tippermetti l-adozzjoni ta' dan it-test bi skadenzi stretti ħafna taħt proċedura ta' urġenza eċċezzjonali; għalhekk, ir-Regolament⁵ ġie ppubblikat fil-31 ta' Mejju 2022 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2022.
- Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet *Task Force "Iffriżar u Sekwestru"* biex tiżgura l-implimentazzjoni koordinata u effettiva ta' miżuri restrittivi adottati kontra persuni u entitajiet Russi u Belarussi, inkluż segwitu ġudizzjarju. Din it-*Task Force* ġenerali bħalissa hija maqsuma fi tliet sottogruppi ta' ħidma: l-ewwel wieħed jitratta l-miżuri restrittivi dwar l-iffriżar tal-assi, it-tieni l-investigazzjonijiet kriminali u l-konfiskazzjonijiet u l-aħħar il-ħolqien ta' fond komuni Ewropew ("trust fund").

⁵ Ir-Regolament (UE) 2022/838 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 fir-rigward tal-preservazzjoni, l-analiżi u l-ħżin fil-Eurojust ta' evidenza relatata ma' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati (ĠU L 148, 31.5.2022, p. 1–5).

F'dan il-kuntest, il-kwistjoni tal-effettività tal-miżuri restrittivi imposti tqum partikolarment fid-dawl ta' ċirkomvenzjoni eventwali ta' dawn il-miżuri. Fil-25 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni adottat pakkett li fih proposta għal direttiva biex issaħħaħ il-kumulazzjoni Ewropea għall-iffriżar u l-konfiska tal-assi kriminali, proposta biex tiġi estiża l-lista ta' "reati kriminali tal-UE" fl-Artikolu 83 TFUE biex tinkludi l-ksur ta' miżuri restrittivi tal-UE, u rakkomandazzjoni li fiha l-ewwel elementi ta' direttiva futura possibbli tad-dritt kriminali sostantiv f'dan il-qasam.

Fit-30 u l-31 ta' Mejju, il-Kunsill Ewropew laqa' b'sodisfazzjon "l-isforzi li saru mill-Istati Membri biex jipprevedu, fil-liġi nazzjonali tagħhom, miżuri xierqa ta' konfiska u jappella lill-Kunsill biex jeżamina malajr il-proposta reċenti tal-Kummissjoni dwar miżuri tal-liġi kriminali f'każ ta' ksur ta' sanzjonijiet tal-UE". Il-Kunsill Ewropew "jappoġġa wkoll l-opzjonijiet ulterjuri f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali li qed jiġu esplorati b'mod attiv, inkluż opzjonijiet maħsuba biex jintużaw assi Russi ffriżati b'appoġġ għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna."⁶

- Is-sitwazzjoni fl-Ukrajna tqajjem aktar mistoqsijiet relatati mal-indukrar tat-tfal. Il-protezzjoni ta' minorenni spostati, partikolarment dawk separati minn mal-familji tagħhom, mir-riskji kollha ta' adozzjoni illegali, ħtif jew sfruttament, teħtieġ qafas effettiv ta' kura legali, imsaħħaħ mill-kooperazzjoni ġudizzjarja Ewropea u internazzjonali eżistenti, u li jigggarantixxi l-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal. Fil-fatt, rispons ikkoordinat u armonizzat mill-Istati Membri huwa essenzjali biex jiġi żgurat l-istess livell ta' protezzjoni fl-Ispazju Ġudizzjarju Ewropew. Għal dan il-għan, inbdew diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-IPCR, il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili – Affarijiet Ġenerali u n-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali, partikolarment b'segwitu għall-proposta mibgħuta mill-Ukrajna lil 20 Stat Membru biex jiġi ffirmat memorandum ta' kooperazzjoni. Dan l-abbozz jipprevedi partikolarment proposti dwar il-kura ta' minorenni Ukreni, il-protezzjoni temporanja tagħhom, il-protezzjoni soċjali tagħhom u r-ritorn tagħhom ladarba jintemm il-konflitt armat, li parti minnhom taqa' taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni.

⁶ [Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-30 u l-31 ta' Mejju 2022.](#)

F'dan il-kuntest, il-Presidenza tqis li għandu jiġi previst rispons politiku fil-livell tal-Unjoni, flimkien mar-risponsi nazzjonali li jistgħu jkunu bbażati fuq linji gwida diġà proposti mill-Kummissjoni.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden iwieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin:

- 1. Tistgħu tidentifikaw miżuri oħra ta' koordinazzjoni minbarra dawk implimentati mill-Presidenza, il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna li għandhom jittieħdu biex jippermettu rispons ġudizzjarju aktar effettiv għas-sitwazzjoni attwali fl-Ukrajna? Partikolarment, tikkonfermaw li l-Presidenza, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, għandha tqis rispons politiku fil-livell tal-UE għall-abbozz ta' Memorandum ta' Kooperazzjoni dwar il-protezzjoni ta' minorenni spostati?*
- 2. Fil-25 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet li testendi l-lista ta' oqsma ta' kriminalità fl-Artikolu 83 TFUE biex tinkludi ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni; minħabba s-sitwazzjoni eċċezzjonali u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-effettività tas-sanzjonijiet tal-UE, tqisu li hija meħtieġa l-estensjoni tal-lista fl-Artikolu 83 TFUE u l-armonizzazzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet?*
